MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 79/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**George Cini ta’ 18-il sena, iben Frank u Giovanna nee’ Cini,**
**imwieled Rabat (Ghawdex), nhar l-4 ta’ Frar, 1991,**
**residenti fil-fond ‘Cor Jesu’, Triq Borg Geritu, Rabat, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita’ numru 11791(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l fuq imsemmi George Cini li gie;

**1. Akkuzat talli nhar it-2 ta’ Mejju 2009, ghal habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija (18.30hrs) gewwa Ghar Ilma limiti ta’ Santa Lucija, Kercem u f’postijiet ohra**

**gewwa Ghawdex, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;**

**2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, garr munizjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;**

**3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkaccja jew ittanta jikkaccja jew jiehu jew ittanta li jiehu ghasafar minghajr licenzja valida;**

**4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, matul l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar, ikkacjajt jew ippruvajt tikkaccja, ghal xi ghasfur;**
**5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi inqast milli izomm arma tan-nar fil-kustodja tieghek b'tali mod li ma tigix f'idejn persuni ohra;**
**6. U aktar talli fix-xahar ta' April 2009, gewwa dawn il-gzejjer gewwa Ghawdex, immanifattura arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;**

**Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita tordna il-konfiska ta' l-arma esebita;**

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3, 5, 47 u 51(1)(a)(2) u l-Avviz Legali 79 tal-2006 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum, kif ukoll tikkundannah multa ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€233);

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul iz-zmien operattiv ta' din is-sentenza;

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument 'D'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------